**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sean Scicluna]**
**[Spettur William Scicluna]**

**vs**

**Mario Cardona**
**Patricia Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 97/16**

**Illum, 9 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mario Cardona** detentur tal-karta tal-identità numerata 645861M u **Patricia Borg** detentrici tal-karta tal-identità numerata 399762M, akkuzati talli f'isimhom propju u/jew bhala diretturi u/jew rapprezentanti legali (*ai terminu* tal-artikolu 121D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ta' Global Security Services Limited (C 40750), gewwa l-fond nr. 28, Carmel Street, B'kara u/jew f'dawn il-gzejjer, f'Awissu 2014 u fil-granet ta' qabel jew wara:

1. ghamlu, addattaw, provdew jew offrew xi oggett meta kienu jafu li dak l-oggett huwa intiz jew addatat biex jintuza fit-twettiq ta' jew konnessjoni ma' frodi jew bl-intenzjoni li jintuza biex titwettaq frodi jew jassisti fl-ghemil ta' frodi;

2. u aktar talli sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

3. u aktar talli minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom u b'abbuz ta' awtorita, kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, izda ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4. u aktar talli rrendew lilhom infushom komplici billi taw lil Anthony Zarb ID.359588M, armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-eghmil tad-delitt ta' dikjarazzjoni falza lil awtorità pubblika, meta kienu jafu li kellhom jigu uzati ghal dak l-iskop; u/jew b'xi mod li jkun, xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta' falsifikazzjoni

u/jew dikjarazzjoni falza lil awtorità pubblika fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat;

5. u aktar talli ma provdewx il-korsijiet ta' tahrig ghall-ghanijiet ta' l-Artikolu 23 ta' l-Att dwar gwardjani privati u lokali, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, skond it-taghlim u tahrig xieraq fis-suggetti murija fl-Ewwel Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjara 389.01 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli rrendew lilhom infushom komplici ma' Anthony Zarb ID. 359588M, talli issottometta certifikat falz lill-Kummissarju tal-Pulizija, li kien juri li temm b'success dawk il-korsijiet ta' tahrig li jkunu approvati skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti dwar gwardjani privati u lokali, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. u aktar talli assoccjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta (dikjarazzjoni falza lil awtorità pubblika u/jew frodi) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tiskwalifika l-licenzji, *warrants,* permessi jew awtorità ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorità pubblika ohra skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar, f'kaz ta' sejbien htija, il-Qorti giet mitluba li tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 19) datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar, tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina penali tal-imputati li hija wahda refrattarja;

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2016, l-imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kawza titkompla tinstema' minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq dikjarazzjoni falza lil awtorità pubblika dwar certifikati li l-ghan taghhom huwa sabiex persuna jkun jista' jikseb il-licenzja ta' security*.*

Illi xehed **l-Ispettur Sean Scicluna** stazzjonat fit-taqsima kontra r-reati ekonomici fejn spjega illi fit-13 ta' Lulju 2015, hu flimkien mal-Ispettur Scicluna rcevew struzzjonijiet minghand is-superjuri taghhom li kien mar certu Jean Paul Micallef (K.I. Nru 570591M) fit-taqsima tal-Licenzji tal-Pulizija b'certifikat li allegatament ma kienx awtentiku. Qal li kien sar rapport u bdew l-investigazzjonijiet taghhom, fejn tliet ijiem wara, fis-16 ta' Lulju 2015, gie arrestat Jean Paul Micallef, wara li kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu, u c-certifikat li kien allegatament falz gie elevat mill-pulizija. Spjega li Jean Paul kien qalilhom li c-certifikat kien gabu minghand il-kugin tieghu Anthony Zarb u qalilhom li Anthony

kien gab ic-certifikat minghand certu Clyde Cassar. Ix-xhud spjega li Clyde Cassar kien maghruf mal-pulizija fejn kellu investigazzjonijiet pendenti fuq rapport li kien sar mill-imputat Mario Cardona, liema imputat ix-xhud gharaf fl-awla. Spjega li l-imputat Mario Cardona kien ghamel rapport mal-pulizija fl-2014 li kien hemm persuna bl-isem ta' Clyde Cassar li kien jahdem mieghu u li kien qieghed jitlob il-flus lin-nies biex igibilhom licenzja ta' security. L-imputat Mario kien ghamel ir-rapport f'isem il-kumpanija tieghu u tal-partner tieghu 'Global Securities'. Ix-xhud qal li kienu bdew l-investigazzjonijiet taghhom rigward Jean Paul Micallef u Clyde Cassar, izda spjega li sa dak iz-zmien, il-pulizija kien ghad ma kellhiex indikazzjoni li Clyde, fil-verita`, kien irnexxielu jgibhom il-licenzji lil dawn in-nies. Qal li kien ha dikjarazzjoni tal-imputat Mario dwar ir-rapport li kien ghamel fl-20 ta' Lulju 2015 fejn l-imputat kien spjega l-procedura ta' kif persuna ggib il-licenzja u fejn kien semma' lil Anthony Zarb u Clyde Cassar (Dok 'SS10'). Ix-xhud spjega li wara li gabu l-verifiki ta' min kien gab il-licenzja, sabu li l-unika zewg min-nies li kienu gabu l-licenzja kienu Anthony u missieru Mario Zarb. Qal li l-firem li raw fuq ic-certifikati ta' Anthony u Mario Zarb u Jean Paul Micallef kienu identici, jigifieri li deher li kienu fotokopja ta' xulxin u

ghalhekk, kienu arrestaw Mario Zarb ukoll. Spjega li fit-22 ta' Lulju 2015 kien saqsa xi mistoqsijiet lill-imputat dwar min kien ghamel il-kors u min le, izda l-imputat ma kienx tah din l-informazzjoni, u qal li l-imputat kien qallu li r-raguni li ma tahx informazzjoni kienet ghaliex ma kienx izomm records ta' min kien qieghed jaghmel il-kors. Qal li dakinhar kien hemm il-partner tieghu mieghu, l-imputata Patricia Borg, li x-xhud gharaf gewwa l-Awla. Ix-xhud kompla spjega illi meta kienu saqsew lil Mario Zarb dwar il-kors, dan qallu li hu qatt ma kien ghamlu u li gieli kien hadem maz-zewg imputati Mario u Patricia u li kien gab ic-certifikat minghand it-tifel tieghu Anthony. Qal li meta saqsew lil Anthony dwar minn fejn gab ic-certifikat, spjega li Anthony kien qallu li gabu bi pjacir direttament minghand l-imputat Mario u spjega illi gabu bi pjacir ghaliex dak iz-zmien, kien qieghed jahdem ma' Clyde Cassar u kienu qeghdin johdulu hsieb li jsibu n-nies ghal bicca xoghol li kellu. Spjega li Anthony kien qalilhom li c-certifikat kien gie ffirmat quddiemu minghand l-imputat Mario fejn l-imputat kien qal lill-imputata Patricia sabiex tiffirmah hi wkoll. Zied jghid illi fil-25 ta' Lulju 2015 kien hareg mandat ta' arrest fil-konfront taz-zewg imputati u l-pulizija kienu marru fl-ufficini taghhom fejn kienet saret tfittxija ghal xi dokumenti relatati mal-

courses. Qal li, ma kienu sabu l-ebda dokumenti, partikolarment relatati ma' Anthony u l-imputat Mario. Spjega li kienu sabu karti tal-ezamijiet antiki u qal li mill-istqarrijiet li saru lill-imputati, kien irrizulta li dawn kienet tiehu hsiebhom l-imputata Patricia. Qal li l-imputata Patricia kienet qalet li kemm Mario u kif ukoll Anthony Zarb kienu ghamlu l-kors u baqghet tinsisti li ghamluh, meta l-pulizija affaccjawha bil-verzjoni li kellhom huma, jigifieri li dawn qatt ma kienu ghamlu l-kors. Ix-xhud esebixxa dokumenti li juru l-passi li kienu ttiehdu fil-konfront ta' Mario u Anthony Zarb u Jean Paul Micallef quddiem il-Magistrat Dr. Josette Demicoli fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario Zarb, Anthony Zarb u Jean Paul Micallef' deciza fil-25 ta' Mejju 2016 (Dok 'SS6'), id-dikjarazzjoni tal-imputat Mario Cardona tal-20 ta' Lulju 2015 (Dok 'SS10'), l-istqarrija tal-imputata Patricia Borg tal-25 ta' Lulju 2015 (Dok 'SS17') u l-istqarrija tal-imputat Mario Cardona tal-25 ta' Lulju 2015 (Dok 'SS18').

Illi fid-dikjarazzjoni tal-**imputat Mario Cardona** datata 20 ta' Lulju 2015, kien spjega illi hu jahdem bhala CEO tal-kumpanija Global Security Services Limited flimkien mal-imputata Patricia, li hi Managing Director. Spjega li sabiex persuna ggib il-licenzja ta'

security, trid tapplika permezz ta' application form, zewg ritratti u kondotta, fejn il-persuna tinghata data sabiex taghmel kors li jiswa €75. Qal li kors hu maqsum fuq tlett ijiem, u li wara li jlestu l-kors, jinghataw certifikat, u l-licenzja, li ddum kwazi xahrejn u nofs u li tohrog min-naha tal-pulizija. Spjega li ghall-habta ta' Settembru u Ottubru tal-2014, hu kien ghamel rapport mal-pulizija dwar Clyde Cassar. Qal li kien beda jahdem mieghu Clyde sabiex jiehu hsieb ir-riggers, li xogholhom kien biss li jkunu prezenti waqt l-armar f'avveniment. Qal li riggers m'humiex securities u ghalhekk ma kellux bzonn licenzja. Qal li meta sar jaf x'kien qieghed jaghmel, kien keccih minnufih. Spjega li Clyde kien jghid lil shabu li kien ha l-kumpanija f'idejh u li kien ha jgibilhom licenzja ta' security u jdahhalhom jahdmu mieghu. Spjega li Clyde kien jaghmel hekk minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu. Qal li anka rigward Anthony Zarb, hu kien impjegah bhala steward, izda Anthony kien pretenda li kien in charge tas-securities u ghalhekk kien telaq.

Illi fl-istqarrija tal-**imputata Patricia Borg** datata 25 ta' Lulju 2015 (Dok 'SS17'), qalet li hi tahdem bhala direttrici fil-kumpanija Global Security Limited fejn xogholha hu li tiehu hsieb il-pagi u l-courses ta' security u stqarret li ghandha licenzja sabiex twettaq dawn it-

tip ta' courses. Spjegat illi l-kors ta' security, illi jdum madwar tlett ijiem, isir fl-ufficini tal-kumpanija f'Birkirkara fejn jinghataw sett noti. Qalet li dan il-kors jikkonsisti f'taghlim dwar il-ligi li tirregola s-securities u notamenti ohra. Qalet li l-courses isiru minn certu Josef Borg. Giet mistoqsija dwar Anthony u Mario Zarb u qalet li kienu jahdmu mal-kumpanija bhala riggers u stewards. Giet mistoqsija tispjega x'inhi d-differenza bejn riggers, stewards u securities, fejn spjegat illi riggers jiehdu hsieb jghabbu u jhottu l-containers qabel u wara xi attività, filwaqt li stewards jaraw li ma jkunx hemm nies fil-kurituri waqt loghba football, u jpoggu n-nies bilqieghda. Spjegat ukoll illi securities ikunu jridu jidhlu izjed fid-dettal, bhal perezempju jaghmlu l-patrols u jiehdu nota ta' kull min diehel u hiereg meta jkunu fuq is-sit. Qalet illi Mario Zarb kien ghamel il-kors ta' security izda ma tiftakarx meta. Giet mistoqsija jekk izzomx records ta' min ghamel dan il-kors izda qalet li ma zzommx records ghax la darba jkunu ghamlu l-kors u jkollhom ic-certifikat, id-decizjoni jekk tohrogx il-licenzja jew le tittiehed mill-pulizija. Giet murija c-certifikat tal-kors ta' Mario Zarb datat 15 ta' Jannar 2015 fejn l-ufficcjal tal-pulizija spjega lill-imputata li Mario Zarb qatt m'ghamel il-kors izda l-imputata baqghet tghid li mhux vera u li certa li Mario Zarb kien ghamel il-kors. L-imputata

insistiet ukoll illi anka Anthony Zarb kien ghamel il-kors. Rigward il-prezz tal-kors, spjegat illi kien ta' €70 izda ma kinitx tohrog ricevuta tal-pagament ghaliex l-ammont kien jinqata' mill-paga. Giet mistoqsija ghaliex il-karti ricenti rigward il-kors ma zammithomx u r-raguni ghaliex il-karti l-antiki zammithom, u wiegbet illi r-ricenti ramithom ghaliex ma hassitx li kien ghad hemm il-bzonn li zzommhom u li l-antiki kienet nesiet li qeghdin hemm, u ghalhekk ma kinitx nehhithom.

Illi fl-istqarrija tal-**imputat Mario Cardona** huwa qal illi jahdem bhala CEO tal-kumpanija Global Security Limited fejn xoghlu hu li jiehu hsieb il-klijenti, is-sites u l-hlasijiet tal-pagi. Spjega li l-courses tiehu hsiebhom il-partner tieghu, Patricia Borg. Qal li hu ma jkunx prezenti waqt il-courses izda li c-certifikati jridu jkunu ffirmati kemm minghand Patricia Borg u kif ukoll minghandu. Gie mistoqsi dwar Anthony u Mario Zarb u qal li gieli hadmu mal-kumpanija. Spjega li Mario kien jahdem bhala rigger u Anthony bhala rigger, usher, steward u marshall. L-imputat ikkonferma li kemm Mario u anka Anthony kienu ghamlu l-kors ta' security. L-imputat baqa' jinsisti li l-kors sar, specjalment minghand Anthony

ghaliex jiftakar li Anthony kien tah ricevuta li kien applika ghall-licenzja, li kien iffiser li l-kors kien ghamlu.

Illi xehed **l-Ispettur William Scicluna** fejn qal li mill-informazzjoni li kienet gabret il-pulizija, l-imputata Patricia kienet tiehu hsieb il-courses ta' security*.* Spjega wkoll li minkejja li z-zewg imputati qalu fl-istqarrijiet taghhom li Mario Zarb kien ghamel il-kors, ix-xhud zied li Mario kien qal lill-pulizija li hu kien hallas somma flus, ta' madwar ghoxrin, hamsa u ghoxrin ewro lit-tifel tieghu Anthony ghax kien qallu li jista' jgiblu c-certifikat ta' security*.*

Illi xehed **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobs Plus fejn esebixxa l-history of employment ta' Anthony Zarb (Dok 'JS1'), ta' Mario Zarb (Dok 'JS2') u ta' John Paul Micallef (Dok 'JS3').

Illi xehdet **Dr Claudette Fenech** in rapprezentanza ta' Malta Financial Services illi kienet giet mitluba sabiex tikkonferma d-dettalji tas-socjetà Global Security Limited. Spjegat illi l-kumpanija giet registrata fil-11 ta' Novembru 2011, u qalbet l-istatus taghha ghall-partnership fis-6 ta' Mejju 2013. Ix-xhud esebiet il-file kollu

tal-partnership u l-file kollu tal-kumpanija, li gew immarkati bhala Dok 'CF1'.

Illi xehed **Mario Zarb** li gharaf lill-imputat Mario Cardona fl-Awla. Spjega li kien jahdem mal-imputat, l-ewwel bhala loader imbaghad bhala security. Qal li dak iz-zmien li kien jahdem mal-imputat ma kienx ghamel il-kors ta' security u spjega li kien irnexxielu jgib ic-certifikat li ghamel il-kors minghand it-tifel tieghu Anthony, li kien jahdem bhala supervisor fuq is-securities fil-kumpanija tal-imputat, izda qal li ma kellux idea li t-tifel tieghu kien ha jgiblu certifikat falz.

Illi xehed **Anthony Zarb**, li gharaf liz-zewg imputati gewwa l-Awla fejn qal illi meta kien jahdem mal-kumpanija tal-imputati, xoghlu kien li jiehu hsieb is-securities. Spjega li minkejja li hu qatt ma kien ghamel il-kors, l-imputat Mario Cardona kien tah ic-certifikat personalment, liema certifikat kien iffirmat quddiemu miz-zewg imputati. Kompla jispjega li rigward missieru Mario u rigward Jean Paul Micallef, kienu ghamlu fotokopja mic-certifikat originali tieghu. Spjega li l-imputat kien tah ic-certifikat fil-bidu li beda jahdem maghhom u kien tahulu sabiex ihaffef il-process. Meta gie

mistoqsi ghaliex id-data ta' fuq ic-certifikat ma taqbilx maz-zmien ta' meta beda jahdem maghhom ix-xhud, baqa' jinsisti li l-kors qatt m'ghamlu u li l-imputat tah ic-certifikat personalment.

Illi xehed **Jean Paul Micallef** fejn iddentifika lill-imputati gewwa l-Awla. Qal li kull ma hadem mas-socjetà Global Security Limited kien *"xi tliet darbiet".* Qal li kien beda jahdem maghhom bhala *security*, minkejja li ma kellu xejn li juri li seta' jahdem ta' security u minkejja li qatt m'ghamel kors ta' security. Ix-xhud spjega li hu qatt ma kien iltaqa' mad-diretturi tal-kumpanija sabiex jibda jahdem maghhom izda kien beda jahdem mal-kumpanija f'isem il-kugin tieghu Anthony Zarb ghax dan tal-ahhar kien tah xoghol fil-kumpanija. Kompla spjega li c-certifikat sabiex jahdem ta' security kien hallas €70 ghalih lil Anthony wara li Anthony qallu li kien gabulu minghand Clyde Cassar. Qal li c-certifikat li tah kuginuh kien fotokopja u li l-firem li kien hemm fuq ic-certifikat ma kinux iffirmati quddiem ix-xhud izda kien mar ghand habiba tieghu sabiex tiffirmahulu hi.

Illi xehed **Vincent Mifsud** li qal li fis-sena 2015 kien jahdem ta' pulizija fl-ufficcju tal-licenzji tal-pulizija. Spjega li filghodu fit-13

ta' Lulju 2015, hekk kif fethu l-ufficini, kien gie persuna bl-isem ta' Jean Paul Micallef b'certifikat tas-securities sabiex igeddu. Ix-xhud qal li hekk kif tah ic-certifikat, irrealizza li kien vojt, ghajr il-firma tal-imputata Patricia u qallu biex jerga' jmur lura Birkirkara fl-ufficini tal-Global Security Limited sabiex jimlewulu. Spjega li wara hames minuti, Jean Paul rega' gie lura bic-certifikat mimli ghax qal li x-xhud li kien iltaqa' maghhom sabiex jimlewlu c-certifikat il-Belt u mhux Birkirkara u ghalhekk kien gie lura malajr. Ix-xhud qal li din ma kinitx daqqitlu, u ghalhekk cempel lill-imputat Mario dak il-hin quddiem Jean Paul. Ix-xhud spjega li saqsa lill-imputat Mario jekk kienx qieghed il-Belt u jekk kienx iffirma certifikat lil xi hadd, fejn l-imputat wiegbu fin-negattiv. Ghalhekk, ix-xhud kien immarka c-certifikat b'salib ahmar bil-biro u tahulu lura sabiex igib certifikat sew. Spjega li mbaghad kellem lill-ufficjali tieghu u ghaddew il-kaz lill-Economic Crime Unit sabiex jinvestigaw. Ix-xhud gharaf lill-imputat Mario Cardona fl-Awla.

Illi xehed **Stefan Vassallo** in rapprezentanza tal-Ministeru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali, li esebixxa dokument (Dok 'SV1'). Spjega li dan id-dokument jikkonsisti f'ittra li kienet intbaghtet lill-

imputat Mario minghand l-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi, liema ittra kienet rigward applikazzjoni ghall-korsijiet ta' security fejn kien hemm awtorizzazzjoni li l-imputat Mario Cardona jkun jista' jaghti dawn il-korsijiet.

Illi xehed l-**imputat Mario Cardona,** li qal li jahdem bhala CEO tal-kumpanija Global Security Services Limited. Spjega li ghandu madwar 35 haddiema izda qal li dan in-numru jvarja ghax gieli jkollu bzonn casual workers li jimpjegahom ghal ftit gimghat biss skont ix-xoghol. Spjega li jista' jimpjega riggers meta jkollhom functions kbar, marshalls li jkunu qeghdin ghassa minhabba l-biljetti, securities u kif ukoll paramedics fuq l-ambulanzi. Spjega li darba kien ghamel rapport lill-pulizija ghaliex certu Clyde Cassar, li kien wiehed min-nies li kien impjega ghall-avveniment partikolari, kien beda jdahhal nies ohra jahdmu fil-kumpanija wara li kien qalilhom li kien xtara l-kumpanija hu u li kien ha jtihom licenzja tas-securities u beda jzommilhom €70 kull persuna. Qal li sa fejn jaf hu, Clyde kien tressaq il-Qorti u nstab hati u qieghed jiskonta sentenza l-habs. Spjega li ftit zmien wara kienu baghtu ghalih il-pulizija u qalulu li kien hareg certifikat falz ghal security ghaliex xi hadd, bl-isem ta' Jean Paul, kien mar b'certifikat vojt bil-

firem tal-imputati fuqu. L-imputat ipprezenta c-certifikat originali li tohrog il-kumpanija wara li persuna taghmel il-kors sabiex iggib il-licenzja ta' security (Dok 'MC1'). Gie mistoqsi jekk kienx jaf kif Jean Paul kien gab dan ic-certifikat partikolari u l-imputat xehed li fir-rapport li kien ghamel l-ewwel darba kontra Clyde Cassar qal li kienu sabu xi certifikati neqsin u li wara saru jafu li Clyde kien hadhom, jaghmel fotokopji taghhom u bieghhom. Spjega fil-fond dwar kif kien isir il-kors u qal li kien isir fuq tlett ijiem u li kien jiswa €70, li minnhom kien ihallas €40 lil-lecturers. Spjega li kien isir minn lecturers u wara li jaghmlu l-kors u jaghmlu ezami, kienu jaghtu d-dettalji ta' dawk li jghaddu mill-ezami lill-imputat sabiex l-imputat ikun jista' johrog ic-certifikat. Qal li l-unika darba li halla certifikati ffirmati lesti kien ghaliex kien ha jkun imsiefer u li kien hallihom mat-tifla tal-partner tieghu. Gie mistoqsi rigward Anthony Zarb li kien qal li c-certifikat tieghu kien tahulu l-imputat u ffirmah quddiemu personalment izda l-imputat innega u qal li ma jistax ikun ghaliex dawk ic-certifikati kienu ffirmati minn qabel u kien hallihom mat-tifla tal-imputata fil-perjodu li l-imputati kienu imsiefrin.

Illi xehdet l-**imputata Patricia Borg** li tahdem bhala Direttrici fil-kumpanija Global Security Limited. Spjegat li l-kumpanija toffri courses tas-securities, izda qalet li minn mindu bdiet il-kawza, huma waqqfu milli joffruhom. Spjegat li l-courses kienu jiswew €70 li €40 minnhom kienu jtuhom lil-lecturers u l-bqija kienu jzommuhom ghall-ispejjez tal-karti u booklets li kienu jaghtu lil min jaghmel il-kors. Spjega li l-procedura sabiex isir il-kors kien li dak li jkun kien japplika jew billi jimla formola jew icemplu. Qalet li malli kienu jghaqdu grupp, kienu jcemplulhom lura u jtuhom id-data ta' meta kien ha jsir il-kors, liema kors kien idum tlett ijiem u li meta jlestuh u jekk jghaddu, kienu jtuhom certifikat. Spjegat li billi jtuhom ic-certifikat, ma kienx ifisser li ghandhom il-licenzja izda l-licenzja kienet tkun f'idejn il-pulizija sabiex jaraw jekk ghandhomx johorguha jew le. Qalet li r-raguni ghaliex ma baqghux izommu l-kopji tac-certifikati kienet ghaliex ic-certifikat kull ma kien prova li wiehed ghamel il-kors, izda l-licenzja kienet tinhareg mill-pulizija. Giet mistoqsija rigward Anthony Zarb, Mario Zarb u Jean Paul Micallef u kkonfermat li Anthony u Mario kienu ghamlu l-kors maghhom izda Jean Paul le. Qalet li darba hallew certifikati ffirmati ghax kienu ha jsiefru u qalet li c-certifikati kienu jkunu go kexxun fl-ufficcju. L-imputata xehdet li Anthony Zarb

kellu access ghal dan l-ufficcju ghax kien qieghed jipprova jindahal sabiex jilhaq supervisor. Giet mistoqsija rigward il-fatt li meta Anthony u Mario Zarb u Jean Paul Micallef kienu tressqu l-Qorti f'kawza ohra, huma kienu ammettew li l-kors qatt ma kienu ghamluh u li c-certifikat kien falz, izda baqghet tinsisti li Anthony u Mario Zarb kienu ghamluh il-kors u qalet li ma tafx minn fejn gabu l-kopji vojta tac-certifikati bil-firem tal-imputati.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali l-Qorti nnutat partikolarment dak li xehed l-Ispettur Sean Scicluna fejn qal li certu Clyde Cassar kien maghruf mal-pulizija u dan ghaliex kien hemm investigazzjoni pendenti fuqu wara li sar rapport proprju mill-imputat Mario Cardona. L-Ispettur kien spjega li l-imputat Mario Cardona kien ghamel rapport mal-pulizija fl-2014 fejn qal li kien hemm persuna bl-isem ta' Clyde Cassar li kien jahdem mieghu u li kien qieghed jitlob il-flus lin-nies biex igibilhom licenzja ta' security guard. L-imputat Mario Cardona kien ghamel dan ir-

rapport f'isem il-kumpanija tieghu u tal-partner tieghu 'Global Securities'. Il-Qorti nnutat ukoll b'attenzjoni l-fatt ix-xhud Jean Paul Micallef, li kien proprju xhud tal-Prosekuzzjoni, qal li c-certifikat sabiex jahdem ta' security kien hallas €70 ghalih lil certu Anthony Zarb wara li Anthony Zarb qallu li kien gabulu minghand Clyde Cassar.

Illi iktar importanti minn hekk huwa dak li xehed **Vincent Mifsud** li fis-sena 2015 kien jahdem ta' pulizija fl-ufficcju tal-licenzji tal-pulizija. Dan ix-xhud, li wkoll gie mressaq mill-Prosekuzzjoni, qal li fit-13 ta' Lulju 2015 kien gie persuna bl-isem ta' Jean Paul Micallef b'certifikat tas-securities sabiex igeddu. Ix-xhud irrealizza li c-certifikat kien vojt, ghajr il-firma tal-imputata Patricia Borg u ghalhekk qallu biex jerga' jmur lura Birkirkara fl-ufficini tal-Global Security Limited sabiex jimlewulu. Spjega li wara hames minuti, Jean Paul rega' gie lura bic-certifikat mimli ghax skont hu kien iltaqa' mal-imputati l-Belt u ghalhekk kien gie lura malajr. Ix-xhud qal li din ma kinitx daqqitlu, u ghalhekk cempel lill-imputat Mario Cardona dak il-hin stess fejn staqsa lill-imputat Mario Cardona jekk kienx qieghed il-Belt u jekk kienx iffirma certifikat ghal xi hadd, fejn l-imputat wiegbu fin-negattiv.

Minn hawnhekk jirrizulta ovvju li Clyde Cassar u Jean Paul Micallef kienu qed jiffalsifikaw ic-certifikati inkwistjoni u mhux l-imputati!

Illi jirrizulta ovvju wkoll lill-Qorti li l-Prosekuzzjoni ghazlet li temmen il-verzjoni ta' Clyde Cassar, li nstab hati minn Qorti diversament presjeduta, filwaqt li ma emmnitx lill-imputati li wara kollox kienu huma li fl-ewwel lok ghamlu rapport lill-pulizija dwar Clyde Cassar.

Illi in oltre l-Qorti thoss li l-kaz tal-Prosekuzzjoni hija wahda superficjali b'mod partikolari tenut kont li lanqas biss tqabbad espert sabiex janalizza l-istess certifikati u l-awtenticita` taghhom. B'hekk hemm nuqqas fl-atti processwali tal-prova xjentifika.

Illi apparti din il-prova, wara qari akkurat tal-atti kollha l-Qorti nnutat li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-akkuzi dedotti kontra l-imputati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Di fatti minn imkien ma jirrizulta li l-imputati kkommettew frodi jew falsifikazzjoni u lanqas li taw xi korsijiet kontra dak li tipprovdi l-

Legislazzjoni Sussidjarju 389.01 u l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Illi kif qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha, tispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha u zgur mhux l-imputat li jipprova l-innocenza tieghu.

Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti wkoll f'dan ir-rigward. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Yarik Farrugia**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, 5 ta' April 2022) qalet:

> *"Illi prelliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u del resto, anke jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikat sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe tal-Prosekuzzjoni".*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Jean Paul Chetcuti** (Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja, 30 ta' Settembru 2021) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li:

*"Mill-banda l-ohra, biex persuna tigi misjuba hatja, il-Ligi kriminali ma tehtiegx li din tkun stabbilita b'certezza assoluta. Il-Ligi tal-procedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliza fejn huwa mehtieg li biex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib htija f'akkuzat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni in bazi ghall-provi mressqa minnha. Jekk id-Difiza tipprova l-punt taghha fuq bazi ta' probabbilità, jew tislet argument, inkluz mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddahhal dubju dettat mir-raguni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib htija fl-akkuzat".*

*"Fl-ahhar mill-ahhar, dik il-Qorti trid tkun zgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliza, li l-kaz sehh skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan huwa l-oghla*

*livell ta' prova li l-Ligi tehtieg biex tinstab htija; livell li huwa anqas mic-certezza assoluta, izda li huwa oghla mill-bilanc tal-probabbiltajiet".*

L-istess insenjament johrog mill-kawza **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, 16 ta' Mejju 2019) fejn gie stabbilit:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni".*

U meta l-Prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni, allura l-imputat ghandu jigi liberat: **Il-Pulizija vs Donald Micallef** (Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, 25 ta' Jannar 2022):

*"Illi in vista tal-presuppost, jinghad li huwa essenzjali fil-kamp penali li l-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli b'mod li jekk dan il-grad ta'*

*prova ma jigix raggunt allura l-imputat ghandu jigi liberat".*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju ragjonevoli illi l-imputati huma hatja tar-reati addebitati lilhom.

Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu jmur a favur tal-imputat. Illi apparti minn hekk fil-kamp kriminali huwa wkoll ben risaput illi jispetta propju l-Prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova u tipprova l-kaz taghha. Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel dan.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati Mario Cardona u Patricia Borg hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberahom minnhom.

_______________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**